

# San Gejtanu fil-Bażilika Ġorġjana t'Għawdex

**San Gejtanu**

Gejtanu twieled f'Viċenza fl-Italja fl-1480 u kien wild familja nobbli. Iżda f'ħajtu l-iktar li kien jagħmilha kien mal-familji fqar u 'l dawn kien jgħinhom ħafna. Dan tah it-titlu ta' "l-Qaddis tal-Providenza". Kien waqqaf l-Ordni tat-Teatini fl-1524 li l-għan tagħhom kien li jieħdu ħsieb il-morda, iħeġġu n-nies għall-konverżjoni u biex iħeġġuhom jersqu lejn l-Ewkaristija. Nhar il-Milied tal-1518, meta kien qed jitlob fil-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore f'Ruma, kellu viżjoni tal-Madonna li tagħtu fi ħdanu lil binha l-Bambin Ġesù.

Ħafna drabi 'l San Gejtanu fl-ikonografija u fl-istatwi jiġi rrapprezentat għarkubtejh jirċevi lil Bambin Ġesù mingħand Sidtna Marija Santissima. Hu ħalla din id-dinja nhar is-7 t'Awwissu tal-1547 u ġie ddikjarat Beatu mill-Papa Urbanu VIII fit-22 ta' Settembru 1629. Wara, fit-12 t'April 1672, ġie ddikjarat qaddis mill-Papa Klement X.

**Il-Qima fil-Belt Victoria, Għawdex**

Fil-Bażilika ddedikata lil San Ġorġ Martri li tinsab tefgħa ta' ġebla bogħod minn Pjazza Indipendenza ( it- Tokk ) fil-qalba tal-belt Victoria, insibu 3 xogħlijiet artistiċi ddedikati lil San Gejtanu. Il-kult lejn dan il-qaddis f'pajjiżna l-iktar li nsibuh hu fil-Ħamrun fil-parroċċa ddedikata lilu. Iżda qabel fiż-żmien meta Gejtanu sar qaddis fl-1672, kienet bdiet tinbena mill-ġdid il-knisja ta' San Ġorġ fil-Victoria. Kien hemm drawwa f'din il-parroċċa li meta xi Papa kien jiddikjara lil xi ħadd qaddis, kienu jqabbdu lil xi artist ipittrilhom xbieha ta' dak il-qaddis/a.

B'hekk il-Ġorġjani ta' Għawdex għandhom kollezzjoni unika ta' kwadri ta' bosta qaddisin. Fosthom insibu tlieta ta' San Gejtanu.

**L-Ewwel Kwadru**

Fuq in-naħa tax-xellug tal-artal maġġur tal-Bażilika ta' San Ġorġ insibu l-artal tal-Kurċifiss. Għall-ewwel dan l-artal kien iddedikat lil San Gejtanu. Dan l-ewwel artal u l-ewwel kwadru tal-qaddis tagħna kienu tħallsu minn Giov-Maria Cardona li fl-atti tan-nutar Aloisio Dellore ħallielu xi raba' li kien jirrendi 30 skud fis-sena biex bihom tinxtegħel il-lampa, isir l-għasar ta' lejlet il-festa, u l-quddiesa ta' nharha.



Dan l-ewwel kwadru illum jinsab imdendel fl-awla ta' fuq tal-Bażilika. Fin-naħa t'isfel fuq ix-xellug ta' dan il-kwadru, hemm arma maqsuma minn tulha. Fin-naħa tax-xellug hemm il-pjanta tal-qoton li hi l-arma tal-Granmastri Cottoner, u fuq il-lemin tfajjel bil-qlugħ. Dan il-kwadru sar bejn l-1678 (is-sena li tlestiet il-knisja ) u l-1680 (is-sena li miet Nikola Cottoner ). It-taqsima l-oħra tal-arma hija tal-kunjom Vella.

## *Mis-Sur Kenneth Borg*



In-naħa tax-xellug fuq nett tal-kwadru naraw lil San Pietru-Pawl ma' Kristu fis-sħab u taħthom għadd ta' tajr jittajjar u 'l isfel ġilju jikber f'għalqa. F'nofs il-kwadru hemm San Gejtanu juri ktieb miftuħ miżmum minn Gizwita ieħor. Fil-ktieb naqraw bil-Latin "Nolite solliciti esse quid manducetis respicite volatilia coeli considerate lilia agri". Fuq il-lemin wara San Gejtanu hemm tliet sekulari b'kostum Spanjol.




**It- Tieni Kwadru**

Għall-ħabta ta' l-1740, dan l-ewwel kwadru tneħħa minn fuq l-artal tal-ġenb, u sar ieħor ġdid ta' San Gejtanu mill-werrieta ta' l-imsemmi Cardona. Din il-pittura ħadet postha fuq l-artal ta' San Gejtanu flok ta' qabilha fil-knisja parrokjali ta' San Gorġ. Studjużi tal-arti jgħidu li hija tal-pittur Bormliż Rokku Buhagiar. Fil-kwadru jidher San Vinċenz Ferrer jassisti għad-dehra ta' San Gejtanu li qed jilqa' lill-Bambin minn għand il-Madonna. Dan it-tieni kwadru ittieħed minn San Gorġ u illum jinsab fil-Konservatorju tal-Isqof. Wara li kien tneħħa t-tieni kwadru ta' San Gejtanu fis-sena 1948, l-artal kien gie iddedikat lill-Kurċifiss.



**It- Tielet Kwadru**

Reġa' tqiegħed kwadru ieħor tal-qaddis tagħna. Dan il-kwadru ġdid kien tpitter mill-Gizwita Fratello Filippo Cosimo li kien jgħallem id-disinn fis-seminarju ta' Għawdex.. Dan il-kwadru għadu fil-Bażilika sal-lum u hu ta' daqs zgħir f'għamla tonda. Qiegħed in-naħa ta' fuq fejn kien l-artal ta' San Gejtanu. Ħdejh in-naħa t'isfel mal-ħajt tax-xellug hemm kwadru kbir ta' San Gorġ Preca li bħala Ħamruniż twaħħal ħdejn San Gejtanu. Dan hu xogħol ta' Ray Pitre'.

**L-Isqof Gejtanu Pace Forno**

Dan l-Isqof kien xtaq li l-Parroċċa tal-Ħamrun tiġi ddedikata għall-qaddis li jġib ismu u hekk sar. Minn tagħrif miġbur mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap, insibu dokument li jgħid li l-Isqof Mons. Gejtanu Pace Forno mir-Rabat Għawdex, hu fost nies magħrufa mgħammda fil-Knisja Parrokkjali ta' San Gorġ. Dan seħħ fil-5 ta' Settembru 1807. Huwa bin l-avukat Franġisk u n-nobbli Luċija dei Baroni Forno minn Palermo. Ġie mgħammed mill-Arċipriet Gakbu Gauci u ġie mgħoti l-ismijiet ta': Gejtanu, Mikiel, u Salvu.



# San Gejtanu fil-Bażilika Ġorġjana t'Għawdex



September 1802.

Die v. ejusd.

Cajetanus Michael ... Salvator ... Dno Francisco Pace et Dna Lucia Salvatore ... nomen Caetanus, Michael, Salvator ... Salvatore Pace, et ... vidua Michaelis ...

Die ix. ejusd.

*Id-Dokument oriġinali li għamel l-Isqof Gejtanu Pace Forno*

## Proġett Gdid

Il-Fondazzjoni Belt Victoria ħadet ħsieb tmexxi proġett ġdid bi ksib ta' fondi mill-Ewropa. Se jinbena mużew tal-arti fi Pjazza San Gorġ ma' ġenb il-Bażilika. Fih se jinġabru l-kollezzjoni ta' kwadri artistiċi li hemm merfugħin f'din il-knisja. Wara r-restawr ta' bosta minnhom, dawn ix-xogħlijiet artistiċi se jitpoġġew hemmhekk biex igawdihom il-pubbliku, fosthom iż-żewġ kwadri antiki ta' San Gejtanu.

## Sotto Kummissjoni Festa 2010

- Il-Kappillan Dun Henry Balzan
- Il-Viċi Kappillan Dun Joe Gatt
- Segretarju, Mark Xuereb
- Frans Borg Bonaci
- Piju Cachia
- Joseph Cauchi
- Anthony Farrugia
- Lino Pace
- George Sciberras

